MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 8/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Tanti)**

**Vs**
Alexander Fenech

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghal l-ahhar seba' gimghat qabel is-17 ta' Settembru, 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt, naqas milli jaghti l-manteniment dovut lil martu Francienne Fenech, ghaliha w ghat-tfal minuri Carl Matthew u Luke Nikolai.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Jannar, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta w ikkundannatu ghal ghoxrin lira Maltin (LM20) multa w ordnat il-hlas ta’ disghin lira Maltin (LM90) fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9, taht penali ta’ zewg liri Maltin (LM2) kull jum.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta’ Jannar, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-esponenti mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu w kwindi tilliberah skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkonsidrat :

Illi mill-istess dokumenti murija lill-Qorti mill-appellant fis-seduta tal-lum jidher car li fil-perjodu tal-ahhar sebgha gimghat qabel is-17 ta’ Settembru, 2004 huwa kien qieghed jiddepozita ghall- beneficcju ta’ martu somma ta’ ghoxrin (20) lira fil-gimgha minflok dik ta’ hamsin (50) lira fil-gimgha kif kien obbligat li jaghmel u ghalhekk il-kontravenzjoni dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Pero’ mill-banda l-ohra hemm dubju dettat mir-raguni dwar l-ammont li hu attwalment dovut bhala arretrati tal-manteniment ghall-perjodu msemmi fic-citazzjoni ghaliex fil-waqt li l-parti leza tghid li fadallha tiehu mija w hamsin lira (LM150) l-appellant permezz tad-dokumenti li wera lill-Qorti ssostni li ma fadallu jaghti xejn.

Konsegwentement din il-Qorti tara illi hemm bazi biex l-ordni ghall-hlas tas-somma ta’ disghin lira Maltin (LM90) maghmul fis-sentenza appellata jigi revokat minhabba konflitt tal-provi f’dan ir-rigward.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal ghoxrin lira Maltija (LM20) multa w in kwantu ordnat il-hlas ta' disghin lira Maltin (LM90) fi zmien xahar a termini tal-Artikolu 377 tal-Kap. 9 taht penali ta' zewg liri Maltin (LM2) kuljum u minflok tikkundannah ghall-ammenda ta' ghoxrin lira Maltin (LM20) stante li l-piena pekunjarja ghall-kontravenzjonijiet hija dik ta' ammenda w mhux multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------